MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2009

Numru. 641/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD**
**KONTRA**

**MARCO MIFSUD**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Marco Mifsud ta' 23 sena, bin Alfred u Catherine nee' Arapa, mwieled Pieta' nhar is- 26 ta' Dicembru 1985, residenti fil- fond nru. 33, Catherine, Triq Anici, Qormi u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 25486(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar is- 6 ta’ Jannar 2009, gewwa Floriana, ghal habta’ ta’ 12.00 gieghel isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn, billi xejjer daqqiet ta’ frosta b’ mod ahrax fuq iz- ziemel li kien qed juza’ bil- karozzin numru 36.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti rrisulta konflitt ta’ provi li qanqal dubju serju f’ mohh il-gudikant. Il-prosekuzzjoni tellghet tlitt ufficjali tal-Awtorita’ dwar it-Trasport li lkoll xehedu li raw lill-imputat jaghti bil-frosta liz-ziemel tieghu – fi kliemhom stess b’ mod ahrax. Dawn qalu li l-attenzjoni taghhom giet attirata lejn l-imputat meta’ semghu daqqa qawwija ta’ frosta gejja mid-direzzjoni tal-imputat, li kien biz-ziemel tieghu u bil-karozzin fejn il-Valletta Waterfront. Fil-pront kif harsu lejh rawh bil-wieqfa jaghti mill-gdid bil-frosta, u hemmhekk qabdu l-vettura taghhom u marru wara l-imputat u waqqfuh. Sussegwentement ghamlu rapport lill-pulizija ta’ dan l-incident u giet istitwita din il-kawza.

L-imputat, izda, fil-fehma tal-Qorti, ta spjegazzjoni plawsibbli ghall-agir tieghu. Fl-ewwel lok, hu spjega li fl-ebda mument ma laqat liz-ziemel bil-frosta. Huwa minnu li l-imputat faqqa’ l-frosta tal-anqas darbtejn, izda dan ghamlu fl-arja, biex din taghmel hoss, u biex jikkoregi liz-ziemel, peress illi kien ser jitlef il-kontroll tieghu. Barra minn hekk, l-imputat qal ukoll li z-ziemel ma kellu ebda ferita, liema feriti kienu jkunu evidenti ferm li kieku gie milqut mill-frosta. Ix-xhieda tal-prosekuzzjoni kollha stqarru li huma ingibdu x’hin semghu l-frosta u x’hin raw

lill-imputat bil-wieqfa fuq l-istaffa tal-karozzin jaghti daqqa ohra bil-frosta, izda ma raw l-ebda marka fuq iz-ziemel.

Il-Qorti tosserva li frosta taghmel hoss qawwi peress illi t-tarf taghha tilhaq il-velocita’ tas-smigh u addirittura tissupera dik il-velocita’, u di fatti l-hoss isehh meta jinkiser is-“sound barrier”. Kwantu ghall-fatt li l-imputat qam bil-wieqfa, dan ghamel hekk sabiex jattira l-attenzjoni ghal kwalunkwe vettura li gejja minn warajh u b’hekk jaghmel sinjal li hu kien f’ diffikulta’ u li z-ziemel seta’ jdurlu f’ daqqa. Tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat ta’ dan ir-reat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 8 (2) tal- Kapitolu 439 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------